**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 97/2015**

**John u Maria Doris konjugi Sammut KI 67555(M) u KI 800757(M)**

**vs**

**Carmel u Doris Konjugi Tonna KI 69072(M) u 337677(M)**

**Illum, 27 ta' Novembru 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni tat-12 ta' Gunju 2012 anness u mmarkat Dok A ir-rikorrenti taw, bl-istess titolu ta' lokazzjoni, tal-fond hanut numru hamsa (5) formanti parti minn kumpless kummercjali bl-isem Town Centre Triq ir-Regimenti Maltin Mtarfa;

2. Illi l-intimati waqghu lura mill-hlas tal-kirja dovuta tant li dahlu f'arrangament ta' hlas permezz ta' skrittura ohra tat-13 ta' Gunju 2015 annessa u mmarkata Dok B;

3. Illi minkejja dan huma baqghu ma hallsux l-ammont ta' elfejn u wiehed u erbghin Euro punt hamsin centezmu (€2,041.50) loi kellu jithallas sa mhux aktar tard mit-30 t'Awwissu 2015 u fin-nuqqas kellhom jsofru skond il-ligi mill-istess data;

4. Illi interpellati kemm il-darba, inkluz b' ittra legali tat-18 ta' Settembru 2015 annessa u mmarkata Dok C baqghu inadempjenti ghat-talbiet tar-rikorrenti;

5. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin ghar-ragunijet fuq imsemmija, bil-qima jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgboha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi:

1. Tikkundanna u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn u wiehed u erbghin Euro punt hamsin centezmu (€2,041.50) rapprezentanti kirjiet ta' l-imsemmi fond;

2. Tikkundanna u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-imghax kuntrattwali ai termini tal-iskrittura tat-13 ta' Gunju 2015 u dan sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Ra illi l-intimati prezentaw risposta fejn qalu hekk:

> "Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-inkompetenza ta' dana l-Onorabbli Bord rationae materiae stante illi kif koncess fir-rikors promotur ir-rikorrenti ghandhom pussess tal-fond lokat u l-pretensjoni taghhom torigina minn skrittura datata 13 ta' Gunju 2015 u mhux minn lokazzjoni;
>
> Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub ma huwiex kollu dovut.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Ra s-sentenza preliminari tieghu tal-25 ta' Settembru 2018 dwar l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-intimat fejn eccepixxa l-inkompetenza ta' dan il-Bord rationae materiae.

Ra l-atti.

Sema' l-provi.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Sema' sottomissjonijiet ghan-nom tar-rikorrenti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-qosor**

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu (1) kundanna ghall-hlas ta' ammont *rapprezentanti* kirjiet dovuti u (2) hlas tal-imghax kuntrattwali sad-data tal-effettiv pagament.

L-intimat eccepixxa: (1) l-inkompetenza rationae materia u (2) l-ammont mitlub ma hux kollu dovut.

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari giet deciza permezz tas-sentenza preliminari tal-25 ta' Settembru 2018.

**Provi**

Fil-mertu **John Sammut** xehed a folio 62 u 63 tal-process, fejn ikkonferma il-kawza u t-talbiet tieghu u ikkonferma wkoll illi sa dakinhar ir-rikorrenti kienu ghadhom ma rcevewx l-hlasijiet dovuti.

Illi l-intimati ma prezentaw l-ebda provi sabiex jissostanzjaw l-eccezzjonijiet imressqa minnhom u jirribattu l-provi mressqa mir-rikorrenti.

Illi l-aqwa prova li l-ammont mitlub huwa dovut hija proprju l-iskrittura Dok B a folio 9 tal-process, apparti l-iskrittura tal-kuntratt ta' kera nfisha Dok A a folio 4 tal-process.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, bl-imghax legali li ghandu jiddekorri mit-30 ta' Awissu 2015 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez tal-prezenti procedura a karigu tal-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur